MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 34/2013

**Dr Clinton Bellizzi (ID No.216377-M)**
**fil-kapacita' tieghu bhala Amministratur ta'**
**Melita Mansions Garage Owners Association**

**vs**

**Bianchi Alessandro (I.D. 450865-M) u**
**Bianchi Simone (I.D. 233365-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab hlas tas-somma ta' sitt mija, wiehed u erbghin euro u tnejn u hamsin centezmu (€641.52c) rapprezentanti sehem [il-konvenuti] *pro rata* mill-kontribuzzjoni annwali ghall-ispejjez u mizati mehtiega ghall-preservazzjoni, manutenzjoni, tiswijiet ordinarji, tgawdija u ghoti ta' servizzi fl-interess komun u kontijiet tad-dawl li jservu l-partijiet

komuni tal-kumpless ta' garaxxijiet formanti parti mill-blokk bl-isem Melita Mansions gewwa Triq il-Knisja, Sliema, flimkien ma' arretrati tal-istess kontribuzzjoni u spejjez legali inkorsi sad-data tal-lum.

Bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra n-nota ta' cessjoni li giet ipprezentata mill-attur, datata 19 ta' Settembru 2014, li permezz taghha l-azzjoni giet ceduta limitatament fil-konfront tal-konvenut Alessandro Bianchi.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur in kwantu rivolta fil-konfront tal-konvenuta Simone Bianchi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-istess konvenuta Simone Bianchi thallas lill-attur is-somma ta' sitt, mija wiehed u erbghin euro u tnejn u hamsin centezmu (€641.52c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------